IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 13.1.2015
COM(2015) 12 final

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

L-AĦJAR UŻU TAL-FLESSIBBILTÀ FIR-REGOLI EŻISTENTI TAL-PATT TAL-ISTABBILTÀ U TKABBIR

MT

MT

Werrej

1. INTRODUZZJONI 3

2. KJARIFIKI DWAR L-INVESTIMENT 5

3. KJARIFIKI DWAR RIFORMI STRUTTURALI 10

4. KJARIFIKI RIGWARD IL-KUNDIZZJONIJIET ĊIKLIĊI 15

5. KONKLUŻJONI 18

ANNESS 1 – IR-REĠISTRAZZJONI TAL-ISTATISTIKA TAL-KONTRIBUZZJONIJIET RELATATA MAL-FOND EWROPEW GĦAL INVESTIMENTI STRATEĠIĊI 19

ANNESS 2 – MATRIĊI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-AĠĠUSTAMENT FISKALI ANNWALI LEJN L-OBJETTIV TA' TERMINU MEDJU (OTM) TAĦT IL-PARTI PREVENTIVA TAL-PATT 20

1. Introduzzjoni

Fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) tal-2015 [1], il-Kummissjoni identifikat l-investiment, ir-riformi strutturali u r-responsabbiltà fiskali bħala elementi ewlenin tal-istrateġija ta' politika ekonomika tal-Unjoni Ewropea sabiex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir. Hija ppreżentat ukoll Pjan Ġdid ta' Investiment għall-Ewropa b'appoġġ għal din l-istrateġija[2]. Kemm dan l-approċċ ekonomiku ġenerali kif ukoll l-elementi konkreti tal-Pjan ta' Investiment ġew approvati mill-Kunsill Ewropew tat-18-19 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li, sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-investiment, ir-riformi strutturali u r-responsabbiltà fiskali, hija se tipprovdi aktar gwida dwar l-aħjar użu possibbli tal-flessibbiltà li hija integrata fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (minn issa 'l quddiem "il-Patt")[3], mingħajr ma tbiddel dawn ir-regoli. Dan isegwi impenn mil-Linji wida Politiċi għall-Kummissjoni l-ġdida,[4] kif ukoll diskussjonijiet preċedenti fil-Kunsill Ewropew[5] u fil-Parlament Ewropew[6].

Din il-Komunikazzjoni interpretattiva[7] tipprovdi din il-gwida addizzjonali, mingħajr ma jinbidlu jew jiġu sostitwiti r-regoli eżistenti. Il-Patt huwa pedament tal-governanza ekonomika tal-UE u huwa ta' importanza deċiżiva għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

L-għan tiegħu huwa li jippromwovi politiki baġitarji sodi u li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri. Sa mill-bidu tiegħu fl-1997, il-Patt ġie riformat mil-leġislatur tal-UE fl-2005 u fl-2011-13 u msaħħaħ mill-esperjenza. F'dawn l-aħħar snin,

---

1 COM(2014) 902 tat-28 ta' Novembru 2014.

2 COM(2014) 903 tas-26 ta' Novembru 2014.

3 Il-Patt huwa msejjes fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) u jikkonsisti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (il-"parti preventiva", abbażi tal-Artikolu 121 tat-TFUE) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 Il-Patt huwa msejjes fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) u jikkonsisti fir-Regolament tal-Kunsill ("il-parti korrettiva", abbażi tal-Artikolu 126 tat-TFUE), kif ukoll l-emendi sussegwenti tagħhom u l-leġiżlazzjoni relatata. biex taċċessa d-dokument, ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/index_en.htm.

4 *"Fir-rigward tal-użu tal-baġits nazzjonali għat-tkabbir u l-investiment, irridu - kif riaffermat mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju 2014 - nirrispettaw il-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir, filwaqt li nagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-flessibilità li hija integrata fir-regoli eżistenti tal-Patt, kif irriformat fl-2005 u l-2011. Beħsiebni noħroġ gwida konkreta dwar dan bħala parti mill-Pakkett tal-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment ambizzjuż tiegħi."* Jean-Claude Juncker, Bidu Ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, il-15 ta' Lulju 2014. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/priorities/docs/pg_mt.pdf.

5 *"Aħna nirrispettaw il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jinħtieġ li l-ekonomiji tagħna kollha jkomplu jwettqu riformi strutturali. Huwa ċar ħafna li s-saħħa komuni tagħna tiddependi fuq is-suċċess ta' kull pajjiż individwali. Huwa għalhekk li l-Unjoni għandha tieħu passi qalbiena biex trawwem it-tkabbir, iżżid l-investimenti, toħloq aktar impjiegi u impjiegi aħjar u tħeġġeġ riformi għall-kompetittività. Dan jirrikjedi wkoll li jsir l-aħjar użu tal-flessibbiltà minsuġa fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir".* Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2014. Disponibbli fuq: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/MT/ec/143487.pdf.

6 Ara b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2014" (A8-0019/2014) tat-22 ta' Ottubru 2014.

7 Għal eżempju ieħor ta' Komunikazzjoni interpretattiva, ara l-Komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reklamar televiżiv fid-Direttiva "Televiżjoni mingħajr fruntieri", ĠU C 102, 28.4.2004, p. 2.

dan ħadem bħala parti minn ċiklu annwali usa' u msaħħaħ ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, magħruf bħala s-Semestru Ewropew.

Il-kredibbiltà tar-regoli miftiehma hija kruċjali għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u fl-UE kollha kemm hi. Il-kriżi tad-dejn finanzjarju u sovran tal-aħħar snin uriet kemm huma interdipendenti l-ekonomiji Ewropej u l-ħtieġa ta' koordinazzjoni ekonomika u fiskali qawwija fl-UE. L-eżistenza u r-rispett tar-regoli kienu essenzjali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja u l-kunfidenza. Iffaċċjata b'eskalazzjoni ta' defiċits u dejn f'diversi pajjiżi sa ftit snin ilu biss, l-UE kisbet progress konsiderevoli fit-titjib tas-solidità tal-finanzi pubbliċi tagħha b'mod ġenerali.

Il-prinċipju tat-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha għandu jkun fil-qalba tal-applikazzjoni tal-Patt. Il-Patt huwa sistema bbażata fuq ir-regoli li tistabbilixxi qafas kondiviż u applikat mill-Istati Membri kollha, fejn il-Kummissjoni tipproponi u l-Kunsill jiddeċiedi. It-trattament ugwali, madankollu, ma jfissirx "soluzzjoni waħda għal kulħadd", u għandu jkun marbut mal-valutazzjoni ekonomika li hija meħtieġa f'kull sitwazzjoni. Huwa apposta li l-Patt jipprevedi flessibbiltà fil-mod kif ir-regoli tiegħu għandhom jiġu applikati, kemm matul iż-żmien kif ukoll bejn il-pajjiżi. Huwa wkoll apposta li titħalla ċerta diskrezzjoni, fir-regoli miftiehma, għall-Kummissjoni u l-Kunsill biex jivvalutaw is-solidità tal-finanzi pubbliċi fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiż, sabiex jirrakkomandaw l-aħjar azzjoni bbażata fuq l-aħħar żviluppi u informazzjoni.

Il-flessibbiltà tvarja skont jekk Stat Membru ikunx fil-parti preventiva jew korrettiva tal-Patt. Il-parti preventiva għandha l-għan li tiggarantixxi pożizzjoni baġitarja soda fl-Istati Membri kollha: l-għan prinċipali tagħha huwa li kull Stat Membru jikseb pożizzjoni baġitarja soda fuq tul ta' żmien medju (l-hekk imsejjaħa l-Objettiv ta' Terminu Medju jew OTM), li hija stabbilita skont prinċipji li dwarhom hemm qbil komuni[8]. Dan l-OTM huwa fformulat f'termini strutturali, li jfisser li huwa aġġustat biex jieħu kont taċ-ċiklu ekonomiku u korrett sabiex jeskludi l-impatt ta' miżuri ta' darba, u huwa speċifiku għal kull pajjiż. Il-loġika sottostanti hija li l-Istati Membri għandhom jiksbu u jżommu pożizzjoni baġitarja li tippermetti li l-istabilizzaturi awtomatiċi jaqdu r-rwol sħiħ tagħhom biex itaffu x-xokkijiet ekonomiċi possibbli. Dan għandu jservi wkoll biex inaqqas id-dejn għal livelli prudenti,billi jikkunsidra l-profil demografiku ta' kull pajjiż u l-kost baġitarju tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu. Il-parti korrettiva tal-Patt tindirizza sitwazzjonijiet fejn id-defiċit u/jew id-dejn tal-gvern huma ogħla mill-valuri referenzjali stabbiliti fit-Trattat: f'dawn il-każijiet, l-Istati Membri mbagħad ikunu soġġetti għal Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv ("PDE"), li tinvolvi kundizzjonijiet u monitoraġġ aktar stretti[9].

Il-gwida ppreżentata hawn tiffoka fuq il-marġni ta' interpretazzjoni li hija f'idejn il-Kummissjoni, f'konformità mar-regoli tal-Patt, mingħajr tibdil fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Din tiċċara kif tliet dimensjonijiet ta' politika speċifiċi jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni bl-aħjar mod fl-applikazzjoni tar-regoli. Dawn jirrigwardaw: (i) l-investiment, b'mod partikolari rigward l-istabbiliment ta' Fond Ewropew ġdid għall-Investimenti Strateġiċi bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa; (ii) ir-riformi strutturali; u (iii) l-kundizzjonijiet ċikliċi.

---

[8] L-OTM huwa kkalkulat bħala funzjoni ta' tkabbir potenzjali, dejn ġenerali tal-gvern u l-kost tax-xjuħija.

[9] Bħalissa hemm 11-il Stat Membru fil-parti korrettiva tal-Patt ("fi PDE"), li naqsu minn 24 fl-2011.

Din il-komunikazzjoni interpretattiva hija kontribut lejn l-iżvilupp ta’ pożizzjoni fiskali li tiffavorixxi aktar it-tkabbir fiż-żona tal-euro[10]. Hija wkoll parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-effettività u l-fehim tar-regoli— xi kultant neċessarjament kumplessi — li hija responsabbli li tapplika. It-trasparenza u l-prevedibbiltà huma essenzjali għas-sjieda tar-regoli mill-atturi kollha.

2. Kjarifiki dwar l-investiment

2.1. Il-Fond Ewropew ġdid għal Investimenti Strateġiċi

Aspett ċentrali tal-Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa propost mill-Kummissjoni huwa l-istabbiliment ta’ Fond Ewropew ġdid għal Investimenti Strateġiċi (European Fund for Strategic Investments, EFSIEFSI) fi sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta’ Diċembru 2014, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament dwar il-EFSI[11].

Il-Fond se joffri kapaċità ġdida li ġġorr ir-riskji li se tippermetti l-BEI jinvesti f’ekwità, dejn subordinat u porzjonijiet ta' riskju ogħla ta’ dejn superjuri u li tipprovdi titjib tal-kreditu għall-proġetti eliġibbli. Se jsir kontribut inizjali mill-baġit tal-UE għal din il-kapaċità li ġġorr ir-riskji, fil-forma ta’ fond ta’ garanzija ġdid, u mir-riżorsi proprji tal-BEI. L-użu ta’ din il-garanzija tal-UE u tal-fondi tal-BEI ma għandu l-ebda impatt fuq il-livelli ta' defiċit u dejn tal-Istati Membri.

Il-kapaċità tal-EFSI tista' tkompli tiżdied permezz ta’ kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali mill-Istati Membri. Fil-Pjan ta’ Investiment tagħha għall-Ewropa, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tieħu "pożizzjoni favorevoli lejn kontribuzzjonijiet kapitali (simili) għall-Fond fil-kuntest tal-valutazzjoni tagħha ta’ finanzi pubbliċi skont il-Patt". Il-Kunsill Ewropew tat-18-19 ta’ Diċembru 2014 ħa nota ta’ din l-intenzjoni[12].

Minbarra li jikkontribwixxu għall-EFSI, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jikkofinanzjaw proġetti individwali li huma wkoll kofinanzjati minnu. Din it-taqsima tipprovdi gwida dwar kif dawn id-diversi kontribuzzjonijiet se jiġu vvalutati skont il-Patt.

2.1.1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri għall-EFSI

Żewġ aspetti jeħtieġ li jiġu individwati hawnhekk: i) jekk dawn il-kontribuzzjonijiet humiex reġistrati statistikament bħala defiċit u/jew dejn, skont id-definizzjonijiet stabbiliti

[10] Dwar dan, ara d-diskors tal-President tal-BĊE Mario Draghi f'Jackson Hole fit-22 ta' Awwissu 2014: *"Jista'* jkun *utli li jkun hemm diskussjoni dwar il-pożizzjoni fiskali ġenerali taż-żona tal-euro. B’differenza minn ekonomiji avvanzati oħra kbar, il-*pożizzjoni *fiskali tagħna mhijiex ibbażata fuq baġit uniku vvotat minn Parlament wieħed, iżda fuq l-aggregazzjoni ta' 18 [mill-1 ta’ Jannar 2015: 19]-il baġit nazzjonali u l-baġit tal-UE. Koordinazzjoni aktar b’saħħitha fost id-diversi qagħdiet fiskali nazzjonali għandha, fil-prinċipju, tippermettilna niksbu pożizzjoni fiskali ġenerali aktar favur it-tkabbir fiż-żona tal-euro."*

[11] COM(2015) 10 tat-13 ta’ Jannar 2015.

[12] *"Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-pożizzjoni favorevoli li indikat il-Kummissjoni lejn kontribuzzjonijiet kapitali simili fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-finanzi pubbliċi skont il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, neċessarjament f’konformità mal-flessibbiltà li hija bbażata fuq ir-regoli eżistenti tiegħu".* Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (it-18-19 ta’ Diċembru 2014) jinsabu hawn: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/146411.pdf.

tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (European System of Account - ESA); u ii) il-mod kif il-Kummissjoni se tieħu in konsiderazzjoni dawn il-kontribuzzjonijiet fil-valutazzjoni tagħha tal-konformità mal-Patt.

Ir-reġistrazzjoni tal-statistika

Fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-istatistika, din se tiddependi fuq in-natura speċifika tal-kontribuzzjonijiet u l-kategorizzazzjoni tagħhom mill-Uffiċċju Ewropew tal-Istatistika (Eurostat), b'rispett sħiħ tal-indipendenza tagħha. L-Anness 1 jipprovdi aktar informazzjoni, abbażi ta' eżempji konkreti.

Applikazzjoni tal-Patt

Qafas Legali

Il-Patt jistabbilixxi li, fil-valutazzjoni tal-aġġustament fiskali meħtieġ taħt il-parti preventiva u dik korrettiva tiegħu, il-Kunsill jispeċifika miri li huma stabbiliti f'termini "strutturali".

Parti preventiva

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jipprevedi li "*Fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet mill-Kummissjoni u mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kunsill għandu [...] jivvaluta [...] jekk il-miżuri li jkunu qegħdin jittieħdu jew jiġu proposti [mill-Istat Membru] [...] humiex biżżejjed sabiex jintlaħaq l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien matul iċ-ċiklu. Meta jivvalutaw il-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw jekk l-Istat Membru kkonċernat hux jagħmel it-titjib annwali xieraq fil-bilanċ tal-budget aġġustat b'mod ċikliku li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv baġitarju tiegħu fuq perjodu ta' żmien, b'0,5 % tal-PDG bħala valur referenzjali [...].*"

Parti korrettiva

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jipprevedi li *"[...] jekk tqis li jeżisti defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni għandha tindirizza opinjoni u proposta lill-Kunsill [...] u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.*

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv [...]. Meta jiddeċiedi li jeżisti defiċit eċċessiv, il-Kunsill għandu fl-istess ħin jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru konċernat [...].

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill [...] tistabbilixxi skadenza massima ta' sitt xhur għal azzjoni effettiva li trid tittieħed mill-Istat Membru konċernat [...]. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tistabbilixxi wkoll skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, li għandha titlesta fis-sena ta' wara l-identifikazzjoni tiegħu sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali. Fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jitlob li l-Istat Membru jilħaq miri baġitarji annwali li, abbażi tat-tbassir li huwa l-bażi tar-rakkomandazzjoni, ikunu konsistenti ma' titjib annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala valur referenzjali, fil-bilanċ nett tiegħu aġġustat ċiklikament minn miżuri ta' darba jew temporanji, sabiex tkun żgurata l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-iskadenza stipulata fir-rakkomandazzjoni [...]."

Mingħajr preġudizzju għall-irrekordjar tal-statistika mill-Eurostat tal-kontribuzzjonijiet għall-EFSI, il-Kummissjoni tista' diġà tipprovdi gwida dwar kif ir-regoli eżistenti tal-Patt se japplikaw f'dawn il-każijiet.

Fil-valutazzjoni tal-aġġustament fiskali meħtieġ taħt il-parti preventiva u dik korrettiva, il-Kunsill jispeċifika miri f'termini strutturali. Tali miri jeskludu l-miżuri eċċezzjonali

ta' darba, li ma jkollhom l-ebda effett fuq il-pożizzjoni fiskali sottostanti. Dan ikun tipikament il-każ għall-kontribuzzjonijiet inizjali ta' flus kontanti għall-Fond[13].

B'mod speċifiku, il-Kummissjoni se tikkunsidra li:

- Taħt il-parti preventiva tal-Patt, la l-kisba tal-OTM u lanqas l-aġġustament fiskali lejh meħtieġ ma jiġu affettwati, peress li t-tnejn huma stabbiliti f'termini strutturali. Il-bilanċ strutturali, skont id-definizzjoni, mhuwiex affettwat minn nefqa ta' darba, bħall-kontribuzzjonijiet għall-Fond.

- Fil-parti korrettiva tal-Patt (il-PDE), il-konformità mal-isforz ta' aġġustament fiskali rrakkomandat mill-Kunsill ma tkunx affettwata, billi din hija wkoll imkejla f'termini strutturali. Kontribuzzjoni għall-EFSI ma għandhiex twassal biex Stat Membru jinstab mhux konformi mar-rakkomandazzjoni tal-PDE tiegħu.

- F'każ ta' nuqqas ta' rispett tal-valur referenzjali tad-defiċit, meta tħejji r-rapport previst taħt l-Artikolu 126(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-kontribuzzjoni għall-EFSI bħala "fattur rilevanti" f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. Dan ifisser li ma titnedhiex PDE jekk dan in-nuqqas ta' rispett ikun dovut għall-kontribuzzjoni, u jekk l-eċċess fuq il-valur referenzjali ikun żgħir u mistenni li jkun temporanju.

- F'każ ta' nuqqas ta' rispett tal-valur referenzjali tad-dejn, meta tħejji r-rapport previst taħt l-Artikolu 126(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-kontribuzzjoni għall-EFSI bħala "fattur rilevanti" f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. Dan ifisser li ma titnedhiex PDE jekk in-nuqqas ta' rispett ikun dovut għall-kontribuzzjoni.

2.1.2. *Kofinanzjament mill-Istati Membri ta' proġetti ta' investiment kofinanzjati wkoll mill-EFSI*

IL-EFSI se jikkontribwixxi għal varjetà ta' proġetti ta' investiment u se jservi biex jiżgura aktar investimenti privati u/jew pubbliċi għal dawn il-proġetti. Il-kofinanzjament mill-Istati Membri ta' proġetti individwali, inklużi pjattaformi possibbli ta' investiment, tipikament se jieħu l-forma ta' strumenti finanzjarji innovattivi, bħal self, strumenti ta' dejn jew parteċipazzjoni fil-kapital. Ir-reġistrazzjoni tal-istatistika tvarja skont l-istrument (ara l-Anness 1).

Mil-lat tal-implimentazzjoni tal-Patt, il-Kummissjoni se tqis il-kofinanzjament nazzjonali ta' proġetti ta' investiment ikkofinanzjati wkoll mill-EFSI fl-applikazzjoni tal-hekk imsejħa "klawżola tal-investiment" spjegata fit-Taqsima 2.2 hawn taħt.

[13] L-istess trattament se japplika fir-rigward ta' garanziji sa fejn dawn ikollhom impatt fuq id-defiċit u/jew id-dejn.

Sommarju dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi

Kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-EFSI mhumiex se jitqiesu mill-Kummissjoni meta tiddefinixxi l-aġġustament fiskali taħt il-parti preventiva jew korrettiva tal-Patt.

F'każ ta' eċċess fuq il-valur referenzjali, il-Kummissjoni mhix se tniedi l-PDE jekk dan l-eċċess ikun dovut biss għall-kontribuzzjoni u jkun żgħir u mistenni li jkun temporanju. Meta tivvaluta eċċess 'il fuq mill-valur referenzjali tad-dejn, il-Kummissjoni mhux se tikkunsidra kontribuzzjonijiet għall-EFSI.

2.2. Investimenti oħrajn taħt il-parti preventiva tal-Patt

Qafas Legali

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jipprevedi li *"[...] il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali prinċipali li għandhom effetti baġitarji pożittivi diretti, fosthom billi jżidu t-tkabbir sostenibbli [...]. "* Dan l-Artikolu huwa riprodott f'aktar dettall fil-kaxxa *Qafas Legali* fit-Taqsima 3.1 hawn taħt.

Taħt il-parti preventiva tal-Patt, xi investimenti meqjusa bħala ekwivalenti għal riformi strutturali prinċipali jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jiġġustifikaw devjazzjoni temporanja mill-OTM tal-Istat Membru kkonċernat jew mill-perkors ta' aġġustament lejh.

Il-Kummissjoni pprovdiet l-ewwel gwida fl-imgħoddi dwar kif dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għal investimenti pubbliċi b'effetti baġitarji pożittivi, diretti u verifikabbli fit-tul fuq it-tkabbir u fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi [14]. Din il-gwida (komunement imsemmija bħala "l-klawżola tal-investiment") hija speċifikata u formalizzata permezz ta' din il-Komunikazzjoni biex jitqiesu aħjar is-sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, f'konformità mat-test u l-ispirtu tal-Patt. Minn issa 'l quddiem, Stat Membru se jibbenefika mill-"klawżola tal-investiment" jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) it-tkabbir tal-PDG tiegħu huwa negattiv jew il-PDG jibqa' ferm anqas mill-potenzjal tagħhom (li jirriżulta f'marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni negattiv ta' aktar minn 1,5 % tal-PDG);

(ii) id-devjazzjoni mill-OTM jew il-perkors maqbul ta' aġġustament fiskali lejh ma jwassalx għal eċċess 'il fuq mill-valur referenzjali ta' 3 % tad-defiċit tal-PDG u jinżamm marġni ta' sigurtà adatt;

(iii) id-devjazzjoni hija marbuta man-nefqa nazzjonali dwar il-proġetti kofinanzjati mill-UE skont il-Politika Strutturali u ta' Koeżjoni[15], in-Netwerks Trans-Ewropej u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u ma' kofinanzjament nazzjonali ta' proġetti ta' investiment ikkofinanzjati wkoll mill-EFSI, li għandhom effetti baġitarji diretti pożittivi u verifikabbli fuq perjodu twil ta' żmien;

[14] Ittra tat-3 ta' Lulju 2013 mill-eks-Viċi President tal-Kummissjoni Olli Rehn lill-Ministri tal-Finanzi tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Dan l-approċċ ġie applikat fl-2013 għall-Bulgarija u fl-2014 għall-Bulgarija, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

[15] Inklużi proġetti kkofinanzjati permezz tal-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ.

(iv) in-nefqa kofinanzjata ma għandhiex tissostitwixxi l-investimenti ffinanzjati nazzjonalment, biex b'hekk it-total tal-investimenti pubbliċi ma jonqosx;

(v) l-Istat Membru jrid jikkumpensa għal kwalunkwe devjazzjoni temporanja u l-OTM irid jintlaħaq fi żmien erba' snin mill-Programm ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza attwali tiegħu.

Meta mqabbel mal-gwida preċedenti, dan ifisser li l-Kummissjoni se tapplika l-"klawżola tal-investiment" irrispettivament mill-kundizzjoni ekonomika taż-żona tal-euro jew l-UE kollha kemm hi, sabiex torbotha biss mal-kundizzjonijiet ċikliċi li l-Istati Membri individwali jiffaċċjaw. Jekk l-Istati Membri jitħallew jibbenefikaw minn din il-klawżola meta t-tkabbir tagħhom stess ikun negattiv jew ferm anqas mill-potenzjal tiegħu, dan jippermetti applikazzjoni usa' tal-klawżola, milli fil-passat, u waħda li tirrifletti aħjar il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiż[16].

<u>Sommarju għall-"klawżola tal-investiment" taħt il-parti preventiva tal-Patt</u>

L-Istati Membri fil-parti preventiva tal-Patt jistgħu jiddevjaw temporanjament mill-objettiv ta' terminu medju (OTM) jew mill-perkors ta' aġġustament lejh biex jakkomodaw l-investiment, sakemm: it-tkabbir tal-PDG tagħhom ikun negattiv jew il-PDG tagħhom jibqa' ferm anqas mill-potenzjal; id-devjazzjoni ma twassalx għal eċċess 'il fuq mit-3 % tal-valur referenzjali tad-defiċit u jinżamm marġni ta' sigurtà adatt; il-livelli ta' investiment jiżdiedu effettivament bħala riżultat; id-devjazzjoni tkun ikkumpensata fil-qafas ta' żmien tal-Programm ta' Stabbiltà jew Konverġenza tal-Istat Membru. L-investimenti eliġibbli huma n-nefqiet nazzjonali fuq proġetti kofinanzjati mill-UE skont il-politika Strutturali u ta' Koeżjoni, in-Netwerks Trans-Ewropej u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, kif ukoll kofinanzjament nazzjonali ta' proġetti kofinanzjati wkoll mill-Fond Ewropew għal Investimenti strateġiċi.

[16] Ara wkoll it-Taqsima 4 hawn taħt.

3. Kjarifiki dwar riformi strutturali

3.1. Riformi strutturali taħt il-parti preventiva tal-Patt

Qafas Legali

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jispeċifika kif l-Istati Membri għandhom jersqu lejn pożizzjoni baġitarja soda. B'mod partikolari, dan jipprevedi li *"[...] Meta jiddefinixxu l-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma laħqux dan l-objettiv u meta jippermettu devjazzjoni temporanja minn dan l-objettiv għall-Istati Membri li jkunu diġà laħquh, sakemm jiġi ppreservat marġini xieraq ta' sikurezza fir-rigward tal-valur ta' referenza tad-defiċit u li l-pożizzjoni baġitarja tkun mistennija li terġa' lura għall-objettiv baġitarju għall-perjodu medju ta' żmien matul il-perjodu tal-programm, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali prinċipali li għandhom effetti baġitarji pożittivi diretti, fosthom billi jżidu t-tkabbir sostenibbli potenzjali, u għalhekk impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq perjodu twil ta' żmien.*

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riformi fil-pensjonijiet li jintroduċu sistema b'aktar minn pilastru wieħed li tinkludi pilastru mandatorju, kompletament iffinanzjat. L-Istati Membri li jkunu qegħdin jimplimentaw tali riformi għandhom jitħallew jiddevjaw mill-pjan ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju tagħhom fuq perjodu ta' żmien medju jew mill-objettiv innifsu, bid-devjazzjoni tirrifletti l-ammont tal-impatt dirett inkrementali tar-riforma fuq il-bilanċ tal-gvern ġenerali, sakemm jiġi ppreservat marġini adegwat ta' sikurezza fir-rigward tal-valur referenzjali tad-defiċit."

L-Artikolu 9 tal-istess Regolament jipprevedi li l-istess regola tapplika għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Din it-taqsima tipprovdi gwida dwar kif ir-riformi strutturali jistgħu jitqiesu taħt il-parti preventiva tal-Patt, jiġifieri l-hekk imsejħa "klawżola ta' riforma strutturali"[17].

F'konformità mar-regoli eżistenti tal-Patt, l-Istati Membri li jimplimentaw riformi strutturali prinċipali jitħallew jiddevjaw temporanjament mill-OTM tagħhom jew mill-pjan ta' aġġustament lejh. Dan jippermettilhom jaħsbu għall-ispejjeż fuq perjodu qasir li jkollhom effetti baġitarji pożittivi fit-tul, fosthom billi jiżdied it-tkabbir sostenibbli potenzjali.

"Riformi strutturali" li jistgħu jiġu kkunsidrati taħt il-Patt

Sabiex tkun kompletament operazzjonali, il-"klawżola ta' riforma strutturali" trid tistrieħ fuq prinċipji definiti tajjeb rigward l-eliġibilità tar-riformi simili. Il-Kummissjoni se tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-kriterji li ġejjin:

(i) Ir-riformi jridu jkunu **maġġuri**. Filwaqt li hemm xi riformi individwali b'impatt pożittiv maġġuri fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, bħal riformi tal-pensjonijiet, pakketti komprensivi u mfassla tajjeb ta' riformi li jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali jistgħu jkollhom ukoll impatt pożittiv ewlieni. Dan huwa partikolarment il-każ meta r-riformi jsaħħu l-impatt ta' xulxin permezz ta' għażla xierqa ta' taħlita ta' politiki u s-sekwenza tal-implimentazzjoni.

17 Dwar dan, ara d-diskors tal-President tal-BĊE Mario Draghi f'Jackson Hole fit-22 ta' Awwissu 2014: *"[I]l-flessibbiltà eżistenti fir-regoli tista' tintuża biex tindirizza aħjar l-irkupru dgħajjef u biex tagħmel spazju għall-kost tar-riformi strutturali meħtieġa."*

(ii) Ir-riformi jrid ikollhom **effetti baġitarji pożittivi fit-tul** diretti, inkluż billi jżidu l-potenzjal tat-tkabbir sostenibbli, u għaldaqstant impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. L-effetti ta' sostenibbiltà jistgħu jirriżultaw minn iffrankar baġitarju dirett mir-riformi (bħal fil-pensjonijiet jew il-kura tas-saħħa), jew miż-żieda fid-dħul akkwistat fiż-żmien medju u fit-tul minn ekonomija aktar effiċjenti b'potenzjal ogħla tal-produzzjoni (pereżempju minħabba tnaqqis fil-qgħad strutturali jew żieda fil-forza tax-xogħol), jew minn taħlita taż-żewġ tipi ta' effetti[18].

(iii) Ir-riformi jridu jiġu **implimentati kompletament**. Filwaqt li wieħed jifhem li r-riformi kollha għandhom jiġu adottati qabel ma jitqiesu bħala eliġibbli għall-klawżola, huwa veru wkoll li l-implimentazzjoni effettiva ta' riformi adottati taf tieħu ż-żmien u tista' tkun soġġetta għal dewmien u problemi. Dan iqajjem il-kwistjoni tal-introduzzjoni ta' salvagwardji kontra r-riskju ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni. Filwaqt li l-Patt ma jipprovdix l-għodda għall-monitoraġġ tal-infurzar ta' riformi strutturali, il-qafas legali li fih jopera l-Patt - notevolment il-proċess tas-Semestru Ewropew u l-Proċedura ta' Żbilanċi Eċċessivi (PŻE) [19] ġdida - jippermetti lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jevalwaw l-isfidi u l-iżbilanċi li jeħtieġu riformi strutturali, u l-monitoraġġ tal-azzjoni li ħadu l-Istati Membri.

Attivazzjoni tal-"klawżola tar-riforma strutturali"

Il-Kummissjoni se tqis li l-kriterju relatat mal-implimentazzjoni tar-riformi jiġi ssodisfat *ex ante* meta:

- L-Istat Membru jippreżenta pjan ta' riforma strutturali fuq terminu medju li huwa komprensiv u dettaljat (pereżempju bħala parti mill-Programm ta' Riforma Nazzjonali ppubblikat flimkien mal-Programm ta' Stabilità jew Konverġenza) u jinkludi miżuri speċifikati tajjeb u skedi ta' żmien realistiku għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. L-implimentazzjoni tar-riformi se tiġi ssorveljata mill-qrib fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- Fil-każ speċifiku ta' Stat Membru fil-Proċedura ta' Żbilanċi Eċċessivi (PŻE), ippreżenta Pjan ta' Azzjoni Korrettiva (PAK) li jipprovdi l-informazzjoni neċessarja. L-implimentazzjoni tar-riformi mbagħad se tiġi ssorveljata permezz tal-PŻE.

Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri huma mistennija jipprovdu dokumentazzjoni trasparenti u fil-fond u jikkwantifikaw ir-riformi kemm f'termini tal-impatt baġitarju fuq perjodu medju kif ukoll l-impatt tat-tkabbir potenzjali. Dan irid jinkludi wkoll dettalji dwar l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tar-riformi.

Applikazzjoni tal-"klawżola tar-riforma strutturali"

Fil-każ speċifiku ta' riformi tal-pensjonijiet li jikkonsistu fl-introduzzjoni ta' sistema b'diversi pilastri li tinkludi pilastru mandatorju ffinanzjat għal kollox, il-metodoloġija li

[18] Għal diskussjoni dwar l-effett tar-riformi, ara European Economy, Economic Papers 541, Diċembru 2014: "The potential growth impact of structural reforms in the EU – a benchmarking exercise", ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, il-Kummissjoni Ewropea.

[19] Ara r-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

tippermettilhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-parti preventiva tal-Patt hija deskritta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 (ara l-kaxxa fil-bidu ta' din it-Taqsima)[20].

Għal riformi strutturali oħra, il-Kummissjoni se tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni li tinsab fil-pjan ta' riforma strutturali dedikat (jew il-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva). F'dan il-każ, din se tirrakkomanda l-għoti, lil Stati Membri eliġibbli, ta' żmien addizzjonali biex jilħqu l-OTM, u b'hekk tippermetti devjazzjonijiet temporanji mill-perkors ta' aġġustament strutturali lejh, jew devjazzjoni temporanja mill-OTM għall-Istati Membri li diġà laħquh, sakemm:

(i) ir-riformi jissodisfaw il-kriterji ta' hawn fuq;

(ii) id-devjazzjoni temporanja ma taqbiżx iż-0,5 % tal-PDG, u li jintlaħaq l-OTM fil-perjodu ta' erba' snin tal-Programm ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tas-sena li fiha din il-klawżola tiġi attivata;

(iii) marġni ta' sigurtà xieraq ikun kontinwament ippreservat b'tali mod li d-devjazzjoni mill-OTM jew il-perkors ta' aġġustament fiskali maqbul ma jwassalx għal eċċess 'il fuq mill-valur referenzjali ta' 3 % tal-PDG għad-defiċit.

F'każ li Stat Membru jonqos milli jimplimenta r-riformi miftiehma, id-devjazzjoni temporanja mill-OTM, jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, ma għandhiex tibqa' tiġi kkunsidrata bħala ġustifikata. Jekk tali nuqqas jirriżulta f'devjazzjoni sinifikanti mill-OTM jew il-perkors lejh, il-Kummissjoni se tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Dan ifisser li l-Kummissjoni toħroġ twissija lil dak l-Istat Membru, segwita minn proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, biex tiżgura li l-Istat Membru jieħu miżuri ta' politika xierqa fi żmien ħames xhur biex jindirizza dik id-devjazzjoni. Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, in-nuqqas kontinwu ta' konformità jista' fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal rekwiżit li jsir depożitu li jħalli l-imgħax[21].

<u>Sommarju tar-"klawżola ta' riforma strutturali" taħt il-parti preventiva tal-Patt</u>

Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-impatt fiskali pożittiv tar-riformi strutturali taħt il-parti preventiva tal-Patt, dment li tali riformi (i) ikunu kbar, (ii) ikollhom effetti baġitarji pożittivi verifikabbli diretti u fuq perjodu twil ta' żmien, fosthom billi jżidu t-tkabbir sostenibbli potenzjali, u (iii) jkunu implimentati kompletament.

Biex miżuri ta' riforma jiġu kkunsidrati "ex ante", l-Istati Membri se jkunu mistennija jippreżentaw pjan ta' riforma strutturali ddedikat li jipprovdi informazzjoni dettaljata u verifikabbli, kif ukoll skedi ta' żmien kredibbli għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-pjan ta' riforma rilevanti qabel ma tirrakkomanda li tippermetti devjazzjoni temporanja mill-OTM jew mill-perkors lejh. Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tar-riformi. F'każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tieħu l-azzjoni meħtieġa.

[20] Din il-metodoloġija ġiet applikata pereżempju biex tiġi meqjusa r-riforma tal-pensjonijiet introdotta fil-Latvja fl-2013.

[21] L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011.

3.2. Ir-riformi strutturali taħt il-parti korrettiva tal-Patt

Qafas Legali

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jipprevedi li *"[...] Meta tħejji rapport [mitlub] taħt l-Artikolu 126(3) tat-TFUE [jiġifieri meta Stat Membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti taħt il-kriterju tad-defiċit jew tad-dejn, jew it-tnejn], il-Kummissjoni għandha tqis il-fatturi rilevanti kollha kif indikat f'dak l-Artikolu, sakemm dawn jaffettwaw b'mod sinifikanti l-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tad-defiċit u tad-dejn mill-Istat Membru kkonċernat. Ir-rapport għandu jirrifletti, kif xieraq: (a) l-iżviluppi fil-pożizzjoni ekonomika għall-perjodu medju [...]; (b) l-iżviluppi fil-pożizzjonijiet baġitarji għall-perjodu medju, inkluż b'mod partikolari r-rekord tal-aġġustament lejn l-għan tal-estimi fuq terminu medju ta' żmien, il-livell ta' bilanċ primarju u żviluppi fin-nefqa primarja, kemm kurrenti u kemm kapitali, l-implimentazzjoni ta' politika fil-kuntest tal-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika fil-kuntest tal-istrateġija ta' tkabbir komuni għall-Unjoni, u l-kwalità ġenerali tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari, l-effettività ta' oqfsa baġitarji nazzjonali; (c) l-iżviluppi fil-pożizzjoni tad-dejn tal-gvern għal terminu medju [...].*

Il-Kummissjoni għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa u espliċita lil kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat huwa rilevanti sabiex tkun ivvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn u li l-Istat Membru ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni [...].

Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu valutazzjoni kumplessiva bbilanċjata tal-fatturi rilevanti kollha [...]. Meta jivvalutaw il-konformità abbażi tal-kriterju tad-defiċit, jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG jaqbeż il-valur referenzjali, għandu jittieħed kont ta' dawn il-fatturi fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni rigward l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif previst fil-paragrafi 4, 5 u 6 tal-Artikolu 126 tat-TFUE biss jekk il-kundizzjoni doppja tal-prinċipju ġenerali — li, qabel ma jittieħed kont ta' dawn il-fatturi rilevanti, id-defiċit ġenerali tal-gvern jibqa' qrib il-valur referenzjali u l-eċċess tiegħu fuq il-valur referenzjali jkun temporanju — tiġi sodisfatta b'mod sħiħ.

Jekk il-Kunsill [...] jiddeċiedi li jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, fil-passi proċedurali sussegwenti ta' dak l-Artikolu tat-TFUE, jikkunsidraw il-fatturi rilevanti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu [...], b'mod partikolari bl-iffissar ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u eventwalment fl-estensjoni tal-iskadenza [...]."

L-għan ewlieni tal-parti korrettiva tal-Patt huwa li tiżgura il-korrezzjoni fil-pront tad-defiċits eċċessivi. Ir-regoli rilevanti ma jinkludux dispożizzjonijiet dettaljati biex jitqiesu r-riformi strutturali (jew ta' investiment) meta jkun qed jiġi vvalutat jekk Stat Membru jkunx ħa azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv. Madankollu, ir-riformi strutturali għandhom post rikonoxxut fil-parti korrettiva tal-Patt fid-deċiżjoni tal-passi differenti fil-PDE[22].

L-ewwel nett, meta tkun qed teżamina jekk għandiex tinfetaħ PDE għal Stat Membru partikolari, il-Kummissjoni tanalizza bir-reqqa l-iżviluppi kollha rilevanti fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' terminu medju ekonomiċi, baġitarji u ta' pożizzjonijiet ta' dejn. Dawn il-"fatturi rilevanti" jinkludu l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, bħal fil-Proċedura ta' Żbilanċi Eċċessivi. Il-Kummissjoni tikkunsidra li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-riformi strutturali jikkostitwixxi fattur rilevanti aggravanti.

---

22 Barra minn hekk, meta jitqegħdu fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, l-Istati Membri taż-żona tal-euro kollha jippreżentaw programm ta' sħubija ekonomika li jiddeskrivi l-miżuri politiċi u r-riformi strutturali li huma meħtieġa biex tiġi żgurata korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv. Ara l-Artikolu 9 tar-Regolament(UE) Nru 473/2013.

It-tieni nett, il-fatturi rilevanti jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll waqt it-twaqqif tad-data ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv. Filwaqt li huwa mistenni li l-korrezzjoni ta' deficit eċċessiv isseħħ matul is-sena ta' wara l-identifikazzjoni tiegħu, l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali prinċipali tikkostitwixxi fattur ewlieni li jiġi meqjus meta perkors pluriennali għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv jiġi kkunsidrat.

Biex din id-dispożizzjoni għal riformi li ma ġewx implimentati kompletament issir operazzjonali, il-Kummissjoni se tikkunsidra li dawn jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni *ex ante*, bil-kundizzjoni li l-Istat Membru jippreżenta pjan ta' riforma strutturali, adottat mill-gvern u/jew il-Parlament nazzjonali, li jkun fih informazzjoni dettaljata u verifikabbli, kif ukoll skedi taż-żmien kredibbli għall-implimentazzjoni u t-twettiq, taħt l-istess kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-"klawżola ta' riforma strutturali" deskritta fit-Taqsima 3.1. Dan huwa mingħajr preġudizzju għat-titjib annwali minimu ta' 0,5 % tal-PDG bħala punt ta' referenza previst fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

F'każ li Stat Membru jonqos milli jimplimenta r-riformi miftiehma, il-Kummissjoni se tikkunsidrah bħala fattur aggravanti fil-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva bi tweġiba għar-rakkomandazzjoni tal-PDE u meta tistabbilixxi skadenza għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv. Nuqqas ta' azzjoni effettiva se jwassal għal intensifikazzjoni tal-proċedura u s-sospensjoni possibbli tal-Fondi Ewropej Strutturali u tal-Investiment[23]. Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, dan ifisser li l-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill l-impożizzjoni ta' multa[24].

It-tielet nett, meta tingħalaq il-PDE, il-Kummissjoni tagħti konsiderazzjoni xierqa, fejn rilevanti, għall-kost dirett tar-riformi tal-pensjonijiet li jintroduċu sistema b'aktar minn pilastru wieħed li tinkludi pilastru mandatorju, kompletament iffinanzjat. B'mod konkret, il-PDE tista' tingħalaq anki jekk id-deficit huwa 'l fuq minn 3 % tal-PDG, sakemm iż-żejjed ikun kompletament dovut għall-ispejjeż tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-pensjonijiet u li d-deficit ikun naqas sostanzjalment u kontinwament u laħaq livell li joqrob lejn il-valur referenzjali.

<u>Sommarju għar-riformi strutturali taħt il-parti korrettiva tal-Patt</u>

Il-Kummissjoni se tqis l-eżistenza ta' pjan ta' riforma strutturali speċifiku, li jipprovdi informazzjoni dettaljata u verifikabbli, kif ukoll skedi ta' żmien kredibbli għall-adozzjoni u t-twettiq, meta tirrakkomanda skadenza għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv jew it-tul ta' kwalunkwe estensjoni sa dik l-iskadenza. Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tar-riformi. F'każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tieħu l-azzjoni meħtieġa.

23 L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

24 L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011.

4. Kjarifiki rigward il-kundizzjonijiet ċikliċi

4.1. Modulazzjoni tal-isforz fiskali matul iċ-ċiklu ekonomiku taħt il-parti preventiva tal-Patt

Qafas Legali

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jispeċifika kif l-Istati Membri għandhom jersqu lejn pożizzjoni baġitarja soda. B'mod partikolari, l-Artikolu 5 jistipula li *"[...] Meta jivvalutaw il-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw jekk l-Istat Membru kkonċernat hux jagħmel it-titjib annwali xieraq fil-bilanċ tal-budget aġġustat b'mod ċikliku li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv baġitarju tiegħu fuq perjodu ta' żmien, b'0,5 % tal-PDG bħala valur referenzjali u mingħajr ma jqis il-miżuri ta' darba u miżuri oħra temporanji. Għall-Istati Membri ffaċċjati b'livell ta' dejn li jaqbeż is-60 % tal-PDG jew b'riskji evidenti ta' sostenibilità ġenerali ta' dejn, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw jekk it-titjib annwali fil-bilanċ tal-budget aġġustat b'mod ċikliku, esklużi l-miżuri ta' darba u miżuri oħra temporanji, ikunx ogħla minn 0,5 % tal-PDG. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw jekk ikunx qed isir sforz ta' aġġustament akbar fi żminijiet ekonomiċi tajba, filwaqt li l-isforz jista' jkun iżjed limitat fi żminijiet ekonomiċi ħżiena. B'mod partikolari, għandu jitqies id-dħul imprevist u n-nuqqas tad-dħul [...]."*

Sabiex jiġi vvalutat il-perkors ta' aġġustament xieraq għal kull Stat Membru lejn l-OTM rispettiv tiegħu, il-Patt jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni dovuta lis-sitwazzjoni ekonomika kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' sostenibbiltà. Fil-prinċipju, Stati Membri li għadhom ma laħqux l-OTM tagħhom huma meħtieġa, bħala parametru referenzjali, jimmiraw għal titjib annwali tal-bilanċ tal-baġit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG. Ir-regoli jgħidu wkoll li l-Kummissjoni trid tikkunsidra jekk isirx sforz ta' aġġustament ogħla fi żminijiet ekonomiċi tajbin, filwaqt li l-isforz jista' jkun iżjed limitat fi żminijiet ħżiena.

Il-Kummissjoni b'hekk fasslet matriċi (ara l-Anness 2) li tikkjarifika u tispeċifika r-rekwiżiti ta' aġġustament fiskali taħt il-parti preventiva tal-Patt. Din il-matriċi hija simetrika, tiddifferenzja bejn sforz fiskali ikbar li għandu jitwettaq waqt żminijiet tajbin u sforz fiskali iżgħar li għandu jitwettaq waqt kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli. Dan għandu jagħmilha possibbli li jiġu jirriflettu aħjar kundizzjonijiet ċikliċi. Dan għandu wkoll jiffaċilita l-isforz fiskali meħtieġ fuq medda ta' żmien u jevita li jkun hemm qtugħ mhux ġustifikat kif iċ-ċirkostanzi ekonomiċi jinbidlu.

<u>Sommarju għall-modulazzjoni tal-isforz matul iċ-ċiklu ekonomiku taħt il-parti preventiva</u>

Minn issa 'l quddiem, il-Kummissjoni se tapplika matriċi (imniżżla fl-Anness 2) biex tispeċifika l-aġġustament fiskali xieraq u tieħu kont aħjar tal-qagħda ċiklika tal-Istati Membri individwali skont il-parti preventiva tal-Patt.

4.2. L-akkomodazzjoni ta' tnaqqis mhux mistenni fl-attività ekonomika taħt il-parti korrettiva tal-Patt

Qafas Legali

Il-Patt jindirizza kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi mhux mistennija fil-livell tal-Istati Membri fil-parti korrettiva tal-Patt. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jipprevedi li l-Kunsill, jekk iqis li jeżisti defiċit eċċessiv, joħroġ rakkomandazzjoni biex tittieħed azzjoni effettiva u li jkun fiha data ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u miri baġitarji annwali għall-Istat Membru. L-Istat Membru kkonċernat għandu l-obbligu li jieħu azzjoni effettiva għal dan l-għan fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill.

B'mod partikolari, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jipprevedi li *"Jekk tkun ittieħdet azzjoni effettiva b'konformità mar-rakkomandazzjoni taħt l-Artikolu 126(7) tat-TFUE u wara l-adozzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni jseħħu avvenimenti ekonomiċi negattivi b'konsegwenzi maġġuri żvantaġġużi għall-finanzi tal-gvern, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mingħand il-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE. Ir-rakkomandazzjoni riveduta, b'kont meħud tal-fatturi rilevanti msemmija fl-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament tista', b'mod partikolari, testendi notevolment l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sena bħala regola [...]."*

Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn azzjonijiet ta' konsolidazzjoni fiskali u riżultati ta' konsolidazzjoni fiskali, b'dawn tal-aħħar ta' sikwit jiġu influwenzati minn żviluppi barra mill-kontroll tal-awtoritajiet ikkonċernati, ir-regoli jipprevedu l-possibbiltà li jittieħed kont ta' deterjorazzjoni mhux mistennija tas-sitwazzjoni ekonomika.

Jekk pajjiż ikun ħa azzjoni effettiva billi wassal l-isforz fiskali strutturali rrakkomandat mill-Kunsill, dan jista' jingħata aktar żmien sabiex jikkoreġi d-defiċit nominali eċċessiv mingħajr ma jġarrab sanzjonijiet finanzjarji (l-Istati Membri taż-żona tal-euro), jew sospensjoni tal-impenji/pagamenti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (l-Istati Membri kollha)[25].

Il-Kummissjoni żviluppat approċċ sistematiku biex jiġi vvalutat it-twettiq tal-isforz fiskali strutturali meħtieġ, li l-Kunsill approva m'ilux[26]. Dan jgħin biex jiġu sseparati minn xulxin kemm jista' jkun dawk l-iżviluppi baġitarji li jistgħu jitqiesu li huma taħt il-kontroll tal-gvern minn dawk attribwibbli għat-tnaqqis mhux mistenni fl-attività ekonomika.

<u>Sommarju għall-akkomodazzjoni taċ-ċiklu ekonomiku taħt il-parti korrettiva</u>

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta azzjoni effettiva skont il-parti korrettiva tal-Patt fuq il-bażi ta' kejl tal-isforz fiskali strutturali, esklużi żviluppi baġitarji li mhumiex fil-kontroll tal-gvernijiet.

25 L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

26 Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ECOFIN tal-20 ta' Ġunju 2014 hawnhekk: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ecofin/143293.pdf.

4.3. Tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi

Qafas Legali

Il-patt jindirizza każijiet ta' kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi mhux tas-soltu fil-livell tal-UE jew taż-żona tal-euro kemm fil-parti preventiva kif ukoll fil-parti korrettiva.

Parti preventiva

Kif spjegat fil-kaxxi tal-*Qafas Legali* fit-Taqsimiet 2.1.1, 3.1 u 4.1, il-Kunsill jeżamina jekk l-Istati Membri fil-parti preventiva tal-Patt jieħdux miżuri suffiċjenti biex jilħqu l-objettiv baġitarju ta' terminu medju tagħhom matul iċ-ċiklu. F'dan il-kuntest għandu jittieħed kont debitu tal-fatturi rilevanti u tar-riformi strutturali implimentati. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 ikopri l-każ ta' kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi mhux tas-soltu.

B'mod partikolari, l-Artikolu 5 jgħid li *"[...] f'każ ta' avveniment mhux tas-soltu li ma jkunx fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollu impatt prinċipali fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali jew f'perjodi ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għaż-żona euro jew l-Unjoni kollha, l-Istati Membri jistgħu jitħallew jiddevjaw temporanjament mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien imsemmi fit-tielet subparagrafu, sakemm dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju ta' żmien [...]."*

Parti korrettiva

Kif spjegat fil-kaxxi *Qafas Legali* fit-Taqsimiet 2.1. u 4.2, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jipprevedi li l-Kunsill, jekk iqis li jeżisti defiċit eċċessiv, joħroġ rakkomandazzjoni biex tittieħed azzjoni effettiva u li jkun fiha data ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u miri baġitarji annwali għall-Istat Membru. L-Istat Membru kkonċernat għandu l-obbligu li jieħu azzjoni effettiva għal dan l-għan fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill. L-Artikolu 3 jipprevedi wkoll li titqies il-possibbiltà ta' kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi mhux tas-soltu.

B'mod partikolari, l-Artikolu 3 jgħid li *"[...] Fil-każ ta' tnaqqis gravi fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni ġeneralment, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta taħt l-Artikolu 126(7) tat-TFUE bil-kundizzjoni li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali għall-perjodu medju."*

Sa mill-2011, il-Patt ippreveda li, f'każijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi, ir-ritmu tal-konsolidazzjoni fiskali jiġi adattat għall-Istati Membri kollha, bil-kundizzjoni li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali għall-perjodu medju.

Din id-dispożizzjoni s'issa qatt ma ġiet applikata — għalkemm dan jirrifletti *de facto* l-loġika użata fi żmien il-kriżi finanzjarja tal-2008 meta l-perkorsi ta' aġġustament kienu tfasslu mill-ġdid għal diversi Stati Membri. L-attivazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tfissirx li l-aġġustament fiskali jiġi pospost, iżda li l-perkors ta' aġġustament, kemm f'termini tal-isforz ta' aġġustament kif ukoll l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri, jitfassal mill-ġdid fuq bażi speċifika għall-pajjiż biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tat-tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi. L-użu ta' din id-dispożizzjoni għandu jibqa' limitat għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali u ċirkonskritti b'attenzjoni kbira sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' mġieba irresponsabbli baġitarja.

Sommarju fil-każ ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku

Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet tal-Patt li jindirizzaw tnaqqis gravi fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-UE inġenerali għandhom jintużaw meta jkun meħtieġ.

5. Konklużjoni

Din il-Komunikazzjoni interpretattiva tipprovdi gwida addizzjonali dwar kif il-Kummissjoni se tapplika l-marġini ta' interpretazzjoni tagħha fl-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-Kummissjoni se tapplika din il-gwida minnufih. Hi se timpenja lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex jipprovdu kwalunkwe spjegazzjonij neċessarja qabel l-istadji importanti li jmiss, b'mod partikolari l-preżentazzjoni tal-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza u Programmi ta' Riforma Nazzjonali mistennija fir-rebbiegħa tal-2015. Il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll din il-Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew.

Din il-Komunikazzjoni tagħti ċarezza lill-Istati Membri dwar kif jiżguraw li l-qafas fiskali komuni jappoġġa l-aġenda ta' tkabbir u impjiegi tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-investiment u r-riformi strutturali, filwaqt li jirriflettu aħjar sitwazzjonijiet ċikliċi fi Stati Membri individwali.

Din ma tieħux post ir-regoli eżistenti tal-Patt, u lanqas ma tnaqqas il-ħtieġa għal valutazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni u l-Kunsill tas-sitwazzjoni ekonomika u fiskali usa' ta' kull Stat Membru, taż-żona tal-euro u l-UE kollha kemm hi, f'konformità mal-ispirtu tat-Trattat u l-objettiv ġenerali tiegħu li jiżgura finanzi pubbliċi sodi. Barra minn hekk, salvagwardji u kundizzjonijiet xierqa huma fis-seħħ sabiex jiżguraw li, filwaqt li jsir l-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti, jiżammu l-kredibilità u l-effikaċja tagħhom fl-iżgurar tar-responsabbiltà fiskali.

Minbarra din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni se timpenja ruħha wkoll mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha biex tiddefinixxi passi ulterjuri biex tiżgura koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika u l-progress lejn l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

Kif miftiehem mill-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tas-Samit taż-Żona tal-Euro, il-President tal-Grupp tal-Euro u l-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, jirrapporta dwar dawn il-kwistjonijiet lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015. Bħala parti mill-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2015[27], il-Kummissjoni hija impenjata li tiżviluppa proposti dwar passi ulterjuri lejn is-sovranità magħquda fil-governanza ekonomika.

[27] COM(2014) 910 tas-16 ta' Diċembru 2014.

Anness 1 - Ir-reġistrazzjoni tal-istatistika tal-kontribuzzjonijiet relatata mal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi

Hawn taħt hawn xi eżempji li jispjegaw kif diversi tipi ta' kontribuzzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn perspettiva tal-istatistika mill-Eurostat. Din ir-reġistrazzjoni tal-istatistika hija pass separat u mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' dawn il-kontribuzzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Eżempju 1. Il-kontribuzzjonijiet tal-flus kontanti tal-Istati Membri fil-livell tal-EFSI

Jekk il-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tal-Istati Membri lill-EFSI ikollhomx impatt statistiku fuq id-defiċit tagħhom ma jistax jiġi stabbilit b'ċertezza sħiħa sakemm l-arranġamenti legali u ta' governanza dettaljati tal-Fond ma jkunux fis-seħħ. Jekk Stat Membru ma jkollux il-fondi disponibbli għal dawn il-kontribuzzjonijiet u jissellifhom, dan iżid id-dejn pubbliku.

Eżempju 2. L-użu ta' garanziji mill-Istati Membri fil-livell tal-EFSI

F'każ li l-Istati Membri jipprovdu garanziji lill-EFSI, ma għandu jkun hemm l-ebda impatt immedjat fuq id-defiċit jew id-dejn sal-mument li tissejjaħ il-garanzija, għall-ammont mitlub, jekk tissejjaħ.

Eżempju 3. Il-kofinanzjament tal-Istati Membri għal proġetti individwali

Kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri għal proġetti, inklużi pjattaformi ta' investiment, jistgħu jieħdu diversi forom, bħal parteċipazzjoni azzjonarja, self, garanziji eċċ. Ir-reġistrazzjoni tal-istatistika se tvarja skont il-forma tal-istrument:

- Għall-garanziji, ir-reġistrazzjoni tal-istatistika se ssegwi l-istess prinċipji bħal fl-eżempju 2.
- Għall-parteċipazzjoni azzjonarja, din se tiddependi fuq jekk ir-rata ta' redditu tas-suq tistax tkun mistennija (bħal dik ta' investitur privat). Jekk dan huwa l-każ, mhux se jkollha impatt fuq id-defiċit. Jista' jkollha impatt fuq il-livelli tad-dejn jekk iffinanzjati permezz tas-self tal-gvern.
- Għas-self, din mhux se jkollha impatt fuq id-defiċit sakemm ma jkunx hemm evidenza li s-self mhux se jingħata lura. Jista' jkollha impatt fuq il-livelli tad-dejn jekk iffinanzjati permezz tas-self tal-gvern.
- Għall-għotjiet, din se jkollha impatt dirett fuq id-defiċit u impatt indirett fuq id-dejn, jekk iffinanzjati permezz tas-self mill-gvern.
- Jekk l-Istati Membri jużaw ir-riżorsi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-parti tal-kofinanzjament nazzjonali se jkollha impatt fuq id-defiċit. Jista' jkollha impatt fuq il-livelli tad-dejn jekk iffinanzjati permezz tas-self mill-gvern. Il-parti ta' kofinanzjament Ewropew hija rreġistrata bħala tranżazzjoni finanzjarja u għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-kontijiet ta' gvernijiet.

Eżempju 4. Il-kontribuzzjonijiet permezz tal-Banek Promozzjonali Nazzjonali

Stat Membru jista' jqis il-kontribuzzjonijiet permezz ta' Bank Promozzjonali Nazzjonali (BPN), kemm fil-livell tal-EFSI u fil-livell ta' proġetti individwali, inklużi pjattaformi ta' investiment. L-impatt jiddependi l-ewwel u qabel kollox fuq jekk il-Banek Promozzjonali Nazzjonali humiex klassifikati ġewwa jew barra mill-gvern. Jekk il-banek huma kklassifikati ġewwa l-gvern, l-impatt se jkun eżattament l-istess daqslikieku l-gvern innifsu jwettaq l-investiment. Jekk il-banek huma kklassifikati barra mill-gvern, ir-reġistrazzjoni se tiddependi fuq jekk il-Banek Promozzjonali Nazzjonali humiex se jwettqu l-investiment jew jikkontribwixxu għall-proġett f'isem il-gvern. Jekk jiġi konkluż li dan huwa l-każ, l-operazzjoni tiġi meqjusa parti mill-kontijiet tal-gvern, li jfisser li l-flus li ntefqu f'isem il-gvern jiġu trattati bħala nefqa tal-gvern, u l-obbligazzjonijiet imġarrba għall-kisba ta' dawn il-flus se jiġu trattati bħala dejn tal-gvern.

ANNESS 2 - MATRIĊI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-AĠĠUSTAMENT FISKALI ANNWALI LEJN L-OBJETTIV TA' TERMINU MEDJU (OTM) TAĦT IL-PARTI PREVENTIVA TAL-PATT

		Aġġustament fiskali annwali meħtieġ *	
	Kundizzjoni	Dejn sa 60 u l-ebda riskju għas-sostenibbiltà	Dejn ogħla minn 60 jew riskju għas-sostenibbiltà
Żminijiet eċċezzjonalment ħżiena	It-tkabbir reali < 0 jew il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni < -4	L-ebda aġġustament meħtieġ	
Żminijiet ħżiena ħafna	-4 ≤ marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni < -3	0	0,25
Żminijiet ħżiena	-3 ≤ marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni <- 1,5	0 jekk it-tkabbir huwa taħt il-potenzjal, 0,25 jekk it-tkabbir huwa ogħla mill-potenzjal	0.25 jekk it-tkabbir huwa taħt il-potenzjal, 0,5 jekk it-tkabbir huwa ogħla mill-potenzjal
Żminijiet normali	-1,5 ≤ marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni < 1,5	0,5	>0,5
Żminijiet tajbin	marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ≥ 1,5	> 0,5 jekk it-tkabbir huwa taħt il-potenzjal, ≥ 0,75 jekk it-tkabbir huwa ogħla mill-potenzjal	≥ 0,75 jekk it-tkabbir huwa taħt il-potenzjal, ≥ 1 jekk it-tkabbir huwa ogħla mill-potenzjal

* Iċ-ċifri kollha huma f'punti perċentwali tal-PDG

Definizzjonijiet:

- L-aġġustament fiskali: titjib fil-bilanċ fiskali ġenerali tal-gvern imkejjel f'termini strutturali (jiġifieri aġġustat ċiklikament u mingħajr miżuri ta' darba).
- Potenzjal ta' tkabbir: rata stmata ta' tkabbir jekk l-ekonomija tinsab fil-produzzjoni potenzjali tagħha.
- Marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni: differenza bejn il-livell tal-produzzjoni reali u dik potenzjali (espressa f'punti perċentwali meta mqabbla mal-produzzjoni potenzjali).
- Il-produzzjoni potenzjali: indikatur sommarju tal-kapaċità tal-ekonomija li tiġġenera produzzjoni, sostenibbli u mhux inflazzjonarja.

Spjegazzjonijiet:

Il-matriċi tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw l-aġġustamenti fiskali tagħhom tul iċ-ċiklu ekonomiku filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' konsolidament fiskali tagħhom.

Aktar ma jkun kbir il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni pożittiv (negattiv), aktar ma jrid ikun kbir (baxx) l-isforz meħtieġ ta' aġġustament.
Il-matriċi tqis id-direzzjoni li fiha miexja l-ekonomija, jiġifieri jekk is-sitwazzjoni ekonomika qed titjieb jew tiddeterjora, billi tagħmel distinzjoni jekk il-PDG reali jaqbiżx jew ma jlaħħaqx ir-rata tat-tkabbir potenzjali speċifika għal pajjiż.

L-isforz meħtieġ huwa wkoll akbar għall-Istati Membri b'pożizzjonijiet fiskali globali sfavorevoli, jiġifieri fejn is-sostenibbiltà fiskali hija f'riskju jew il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa ogħla mis-60 % tal-valur referenzjali tal-PDG tat-Trattat.

L-Istati Membri kollha huma mistennija jakkumulaw tfaddil fi żminijiet tajbin sabiex ikun jista' jkollhom marġni ta' manuvra xieraq għat-tħaddim ta' stabbilizzaturi awtomatiċi (pereżempju l-infiq soċjali ogħla u dħul mit-taxxa iktar baxx) matul perjodi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Fi żminijiet tajbin, id-dħul tal-Istat jiżdied minħabba attività ekonomika aktar qawwija u l-infiq relatat mal-qgħad jonqos. Għalhekk, il-matriċi tipprevedi aġġustament fiskali ogħla għall-Istati Membri identifikati li qed jesperjenzaw żminijiet tajbin, jiġifieri meta l-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni tagħhom huwa stmat li jkun ta' $\geq 1,5$ %. Dan huwa partikolarment importanti għall-Istati Membri b'riskji ta' sostenibbiltà fiskali jew proporzjonijiet tad-dejn għall-PDG li jaqbżu s-60 % u għalhekk dawn l-Istati Membri jkunu obbligati jipprovdu aġġustament fiskali strutturali ta' $\geq 0,75$ % tal-PDG jew ≥ 1 % tal-PDG, skont jekk is-sitwazzjoni ekonomika tajba tagħhom tkomplix titjieb aktar jew le.

Fi żminijiet normali, interpretati bħala marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' bejn -1,5 % u + 1,5 %, l-Istati Membri kollha bi proporzjon ta' dejn għall-PDG ta' inqas minn 60 % ikunu meħtieġa jagħmlu sforz ta' 0,5 % tal-PDG, filwaqt li Stati Membri b'livelli ta' dejn 'fuq minn 60 % tal-PDG ikunu meħtieġa jagħmlu aġġustament akbar minn 0,5 % tal-PDG.

Fi żminijiet ħżiena, interpretati bħala marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' bejn -3 % u -1,5 %, l-aġġustament meħtieġ ikun aktar baxx. L-Istati Membri kollha tal-UE bi proporzjon ta' dejn għall-PDG ta' inqas minn 60 % ikunu meħtieġa jiżguraw sforz baġitarju ta' 0,25 % tal-PDG meta l-ekonomiji tagħhom jikbru iktar mill-potenzjal, u aġġustament fiskali ta' żero jkun temporanjament awtorizzat meta l-ekonomiji tagħhom jikbru inqas mill-potenzjal.

Fi żminijiet ħżiena ħafna, interpretati bħala marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' bejn -4 % u -3 %, l-Istati Membri kollha li għandhom proporzjon ta' dejn għall-PDG ta' inqas minn 60 % jistgħu jkunu temporanjament awtorizzati livell żero ta'aġġustament, li jfisser li ma jkun meħtieġ l-ebda sforz fiskali, u l-Istati Membri bi proporzjonijiet tad-dejn akbar minn 60 % ikunu jridu jipprovdu l-aġġustament annwali ta' 0,25 % tal-PDG.

Għal żminijiet eċċezzjonalment ħżiena, interpretati bħala marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' inqas minn -4 % jew meta l-PDG reali jonqos, l-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-livelli tad-dejn tagħhom, ikunu temporanjament eżentati milli jagħmlu kull sforz fiskali.

Il-limiti stabbiliti tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' -3 % u -4 % huma appoġġati mid-dejta preċedenti: sa mit-tmeninijiet, il-marġnijiet tal-potenzjal tal-produzzjoni fil-pajjiżi tal-UE kienu taħt -4 % f'sena waħda biss minn għoxrin, filwaqt li laħqu -3 % f'sena waħda minn għaxra, għalhekk dawn iż-żewġ valuri tassew jindikaw żminijiet ħżiena ħafna u eċċezzjonalment ħżiena.